**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni*

**2018/2036(INI)**

25.9.2018

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar standards minimi għall-minoranzi fl-UE
(2018/2036(INI))

Rapporteur: Andrea Bocskor

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-UE għandha dmir speċjali li tipproteġi u tiggarantixxi d-drittijiet ta' 'l fuq minn 50 miljun persuna li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali jew reġjonali li jgħixu fit-territorju tagħha u li jitkellmu waħda mis-60 lingwa minoritarja u reġjonali li jinsabu f'periklu serju ta' estinzjoni; ifakkar li l-protezzjoni tad-drittijiet tal-minoranzi hija garantita skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-kwistjonijiet b'rabta mal-minoranzi ma jitqiegħdux f'pożizzjoni għolja biżżejjed fl-aġenda tal-UE, u li bħalissa m'hemmx approċċ komprensiv tal-UE dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-kwistjonijiet fil-politika ta' protezzjoni tal-minoranzi; jappoġġa, għalhekk, approċċ integrat lejn l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni sabiex tiġi żgurata ġestjoni xierqa mill-Istati Membri fir-rigward tad-diversità tan-nies fis-soċjetajiet tagħhom;

2. Jinnota li hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri biex jimplimentaw miżuri politiċi u leġiżlattivi li jissalvagwardjaw u jippromwovu l-identità u d-drittijiet tal-minoranzi, inklużi d-drittijiet etniċi, kulturali, reliġjużi u lingwistiċi;

3. Jinnota li, f'konformità mal-protokoll addizzjonali dwar id-drittijiet tal-minoranzi għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-minoranzi nazzjonali għandhom jitqiesu bħala gruppi ta' persuni li jirrisjedu fit-territorju ta' stat, iżommu rabtiet dejjiema ma' dak l-istat, juru karatteristiċi distintivi etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi, ikunu rappreżentattivi biżżejjed, u huma mmotivati minn xewqa li jippreżervaw l-identità komuni tagħhom; jinnota li, fl-istess ħin, hemm komunitajiet ta' minoranzi lil hinn mill-minoranzi nazzjonali li jeħtiġilhom jiġu protetti;

4. Jilqa' l-iżvilupp ta' standards internazzjonali għall-indirizzar ta' kwistjonijiet nazzjonali u reġjonali b'rabta mal-minoranzi permezz ta' numru ta' strumenti legali, bħalma huma l-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali u l-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji, li huma ż-żewġ trattati ewlenin tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-drittijiet tal-minoranzi, iżda wkoll l-iżvilupp ta' liġi mhux vinkolanti, bħar-Rakkomandazzjonijiet ta' The Hague dwar id-drittijiet għall-edukazzjoni tal-minoranzi nazzjonali tal-OSKE u r-Rakkomandazzjonijiet ta' Oslo dwar id-Drittijiet Lingwistiċi tal-Minoranzi Nazzjonali tal-OSKE; jistieden lill-Istati Membri jinkorporaw dawn l-istandards u rakkomandazzjonijiet fis-sistemi legali tagħhom u jiggarantixxu li l-persuni li jappartjenu għal minoranza nazzjonali jew reġjonali ma ssirx diskriminazzjoni kontrihom; jistieden ukoll lill-Istati Membri jiżguraw li persuni li jappartjenu għal komunitajiet ta' minoranzi oħra jiġu protetti biżżejjed u ma jiġux diskriminati;

5. Ifakkar li l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali tal-Kunsill tal-Ewropa jirrakkomanda li l-partijiet kontraenti tagħha jiżguraw, sa fejn possibbli u fil-qafas tas-sistema tal-edukazzjoni tagħhom, li persuni li jappartjenu għal dawk il-minoranzi jkollhom opportunitajiet adegwati biex jiġu mgħallma l-lingwa minoritarja jew biex jirċievu struzzjoni f'din il-lingwa, mingħajr preġudizzju għat-tagħlim tal-lingwa uffiċjali jew it-tagħlim f'din il-lingwa;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi qafas komuni tal-UE għal lingwi reġjonali jew minoritarji, simili għall-Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom, biex l-Istati Membri jiġu inkoraġġiti jiżviluppaw strateġiji li jtejbu l-parteċipazzjoni u r-rappreżentazzjoni ta' minoranzi fil-ħajja politika, kulturali, soċjali u ekonomika tas-soċjetajiet fejn jgħixu;

7. Jinnota li jekk il-minoranzi ma jitħallewx jew jiġu ostakolati milli jiksbu progressivament id-drittijiet ekonomiċi, soċjali, edukattivi u kulturali tagħhom, dan ikollu implikazzjonijiet fuq il-benessri ġenerali tal-individwi u tal-komunitajiet, kif ukoll fuq il-preservazzjoni tal-identitajiet tagħhom; jirrimarka li kwalunkwe restrizzjoni ta' aspetti tal-identità kulturali tagħhom, anki jekk tkun konsistenti mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali, tista' tikkostitwixxi kawża ta' kunflitt u ta' esklużjoni soċjali;

8. Josserva li l-inklużjoni soċjali tal-minoranzi għandha impatt pożittiv fuq l-integrazzjoni ekonomika u kulturali tagħhom;

9. Ifakkar li huwa essenzjali li jinftiehem xi tfisser "kultura" sabiex tiġi ddefinita l-kisba tad-dritt tal-minoranzi għaliha; jinnota li l-kultura, f'sens wiesa', hija ekwivalenti għall-ġabra sħiħa ta' attivitajiet u kisbiet materjali u mhux materjali ta' komunità partikolari u ta' dak li jiddistingwiha minn oħrajn; jisħaq li d-drittijiet kulturali għandhom jinkludu: id-dritt ta' parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali; id-dritt ta' tgawdija tal-kultura; id-dritt li wieħed jagħżel li jappartjeni għal grupp; id-drittijiet lingwistiċi; u l-protezzjoni tal-wirt kulturali u xjentifiku;

10. Ifakkar li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jiggarantixxu lill-minoranzi t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem, kemm bħala individwi kif ukoll bħala komunità; jirrimarka li huwa wkoll obbligu tal-Istati Membri li jiggarantixxu l-prerekwiżiti għall-preservazzjoni tal-ġid kulturali tal-minoranzi, kif ukoll għall-promozzjoni u l-parteċipazzjoni tal-membri tagħhom fil-ħajja kulturali tal-komunità;

11. Jenfasizza l-ħtieġa li l-minoranzi jiġu infurmati kif suppost u jagħtu l-kunsens ħieles tagħhom qabel kwalunkwe użu ta' kontenut marbut mal-attivitajiet artistiċi tagħhom, b'mod li jiġu mħarsa d-drittijiet tagħhom ta' proprjetà intellettwali;

12. Jistieden lill-Istati Membri biex, fid-dawl tas-Sena Ewropea tal-Patrimonju Kulturali, jivvalorizzaw u jippromwovu l-kulturi minoritarji preżenti f'pajjiżhom, billi jikkontribwixxu għad-disseminazzjoni tal-istorja u t-tradizzjonijiet tagħhom u jiġġieldu kontra l-iżolament ta' dawn il-komunitajiet;

13. Ifakkar li l-edukazzjoni bil-lingwa materna hija essenzjali biex jiġu mħarsa d-drittijiet lingwistiċi u biex jissaħħaħ il-valur taċ-Ċittadinanza Ewropea; iħeġġeġ għalhekk lill-Istati Membri jiżguraw li persuni li jappartjenu għal minoranzi reġjonali, etniċi jew lingwistiċi, irrispettivament minn jekk ikunux tfal tal-iskola jew adulti, ikollhom opportunitajiet adegwati biex jitgħallmu l-lingwa, l-istorja u l-kultura tagħhom u anki biex jirċievu edukazzjoni fil-lingwa tagħhom fil-livelli kollha tal-edukazzjoni fir-reġjun li jgħixu fih; jenfasizza, madankollu, li persuni li jappartjenu għal minoranzi, jenħtieġ li jitgħallmu wkoll il-lingwa, l-istorja u l-kultura tal-maġġoranza tal-popolazzjoni, u li l-istudenti li jappartjenu għal maġġoranza tal-popolazzjoni, kif ukoll il-pubbliku inġenerali, jenħtieġ li jsiru familjari mal-istorja u l-kultura tal-minoranzi u jenħtieġ li jingħataw l-opportunità

sabiex jitgħallmu lingwi tal-minoranzi;

14. Ifakkar li l-multilingwiżmu, inklużi d-diversi lingwi tas-sinjali, jikkostitwixxi wieħed mill-aktar elementi siewja għad-diversità kulturali fl-Ewropa; jenfasizza r-rwol tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri fis-sensibilizzazzjoni akbar dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-minoranzi u jinkoraġġixxu u jappoġġjaw lill-Istati Membri fil-promozzjoni tad-diversità kulturali u tat-tolleranza, speċjalment permezz tal-edukazzjoni, il-kooperazzjoni kulturali, l-isport u opportunitajiet ta' mobilità transkonfinali; ifakkar li l-protezzjoni u t-tisħiħ tal-wirt kulturali b'rabta mal-minoranzi fl-Istati Membri - parti ċentrali mill-identità kulturali tal-komunitajiet, tal-gruppi u tal-individwi – jaqdu rwol ewlieni fil-koeżjoni soċjali; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li politika dwar il-wirt kulturali jenħtieġ li tkun inklużiva, qrib taċ-ċittadin u parteċipattiva u għandha tinkludi l-konsultazzjoni u d-djalogu mal-komunitajiet tal-minoranzi kkonċernati; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiskambjaw informazzjoni u eżempji ta' prattika tajba f'dan il-qasam u jipprovdu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali b'riżorsi finanzjarji proprji u oħrajn adegwati sabiex ikunu jistgħu jħejju u jimplimentaw l-istrateġiji li fil-fehma tagħhom ikunu l-aħjar għall-protezzjoni tal-minoranzi; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jiżguraw li jitħares id-dritt li tintuża lingwa minoritarja u jipproteġu d-diversità lingwistika fi ħdan l-Unjoni skont it-Trattati;

15. Jenfasizza li jenħtieġ li jsiru aktar sforzi biex jiġi żgurat l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ għal studenti minn minoranzi nazzjonali jew reġjonali u għall-appoġġ ta' istituzzjonijiet edukattivi reġjonali li jipprovdu servizzi fil-lingwa materna tagħhom; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-iżvilupp tat-tagħlim tal-lingwa materna għal tfal tal-iskola u studenti f'żoni b'minoranzi nazzjonali jew reġjonali;

16. Jirrakkomanda lill-Istati Membri jippromwovu l-aċċess għal lingwi minoritarji u reġjonali, billi jiffinanzjaw u jiżviluppaw attivitajiet ta' traduzzjoni, doppjaġġ u sottotitolar, kif ukoll billi jimplimentaw terminoloġija amministrattiva, kummerċjali, ekonomika, soċjali, teknika u legali adegwata u nondiskriminatorja;

17. Jinnota li xi żoni tal-fruntiera jikkondividu lingwa komuni li mhijiex lingwa uffiċjali tal-UE; jemmen li livelli miżjuda ta' finanzjament għat-tagħlim u l-promozzjoni ta' lingwi transfruntiera użati inqas isaħħu l-kooperazzjoni, iżidu l-mobilità għall-minoranzi bejn il-fruntieri u jarrikkixxu d-diversità kulturali u l-patrimonju ta' dawn iż-żoni;

18. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li persuni minn minoranzi reġjonali jew nazzjonali li jgħixu f'insedjamenti mifruxa jirċievu edukazzjoni xierqa fil-lingwa tagħhom;

19. Jinsab konvint li l-lingwa materna hija element ċentrali tal-identità kulturali u individwali u parti essenzjali mill-kulturi minoritarji, li tiżgura li dawn il-kulturi jistgħu mbagħad jiġu espressi, imxerrda u mgħoddija lill-ġenerazzjonijiet futuri kif xieraq; iqis li l-Istati Membri għandhom jipprovdu opportunitajiet biex dawk kollha li huma interessati jkunu jistgħu jitgħallmu l-lingwi minoritarji; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jiżguraw li dawk li jitkellmu lingwa reġjonali jew minoritarja bħala l-lingwa materna tagħhom ikollhom l-opportunità li jitgħallmu l-lingwa uffiċjali b'livell suffiċjenti;

20. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jipproduċu kotba akkademiċi li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-

kelliema ta' lingwi reġjonali jew minoritarji, jew – jekk dan jidher li huwa impossibbli – jiffaċilitaw l-użu ta' kotba akkademiċi minn pajjiżi oħra ppubblikati f'dawk il-lingwi, b'kooperazzjoni mal-korpi tar-regolamentazzjoni tal-edukazzjoni tal-pajjiżi fejn jintużaw lingwi reġjonali jew minoritarji;

21. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu finanzjament għat-taħriġ tal-għalliema u għall-iżvilupp ta' kurrikula speċjali (inkluż għat-tagħlim tul il-ħajja), metodoloġiji u kotba akkademiċi biex jiżguraw tagħlim effettiv kemm bil-lingwi minoritarji – f'dawk ir-reġjuni fejn hemm minoranza nazzjonali jew lingwistika rikonoxxuta – kif ukoll bil-lingwa uffiċjali, għat-tfal bi sfond ta' lingwa minoritarja; jistieden ukoll lill-Istati Membri jippromwovu relazzjonijiet transfruntiera stabbli, inkluż permezz ta' kooperazzjoni kulturali, artistika u edukattiva, b'mod partikolari f'dawk l-oqsma fejn il-preżenza ta' minoranzi lingwistiċi hija l-akbar;

22. Jiddispjaċih ħafna dwar il-fatt li f'xi wħud mill-Istati Membri tal-Unjoni, l-istudenti li jappartjenu għal minoranza lingwistika mhumiex integrati fl-istituzzjonijiet tas-sistema edukattiva ġenerali, iżda jinsabu fi skejjel speċjali għar-raġuni li m'għandhomx għarfien biżżejjed tal-lingwa tat-tagħlim; jistieden lil-Istati Membri jżommu lura minn din it-tip ta' segregazzjoni u jieħdu biżżejjed miżuri sabiex dawn l-istudenti jkunu jistgħu jattendu skejjel tal-edukazzjoni ġenerali;

23. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-promozzjoni ta' programmi ffukati fuq l-iskambju tal-esperjenzi u l-aħjar prattiki dwar l-edukazzjoni f'lingwi reġjonali u ta' minoranza fl-Ewropa; jistieden lill-Unjoni Ewropew u lill-Kummissjoni jpoġġu aktar enfasi fuq il-lingwi reġjonali u minoritarji fil-ġenerazzjoni futura tal-programmi Erasmus+, Ewropa Kreattiva u l-Ewropa għaċ-Ċittadini taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) l-ġdid;

24. Jenfasizza l-fatt li l-midja għandha rwol ċentrali fir-rigward tad-drittijiet kulturali u lingwistiċi; ifakkar li l-midja jenħtieġ li tirrifletti l-pluralità tal-popolazzjoni u tirrispetta l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, u li r-regolamentazzjoni statali tax-xandir bl-ebda mod ma jenħtieġ li tirrestrinġi d-drittijiet tal-minoranzi; jistieden lill-Istati Membri u l-Kummissjoni jippromwovu r-rappreżentanza tal-lingwi minoritarji fil-midja pubblika u privata, kif ukoll fuq interfaċċi onlajn, il-midja soċjali u t-teknoloġiji tal-lingwa; huwa tal-fehma, barra minn hekk, li l-midja għandha tirrapporta inċidenti rilevanti għall-minoranzi b'mod preċiż u bbilanċjat;

25. Jiddispjaċih ħafna dwar iż-żieda fir-razziżmu, il-fanatiżmu reliġjuż, l-anti-Semitiżmu, l-iżlamofobija, l-anti-Żingariżmu u l-ksenofobija f'ħafna Stati Membri tal-UE; jesprimi tħassib dwar il-fatt li persuni li jappartjenu għal minoranzi qed jibqgħu jħabbtu wiċċhom ma' ostakoli f'dak li jikkonċerna r-rispett tad-drittijiet fundamentali tagħhom u għadhom vittmi ta' diskriminazzjoni, diskors ta' mibegħda, delitti u reati motivati mill-mibegħda; jenfasizza li l-promozzjoni tad-djalogu interkulturali u tat-tolleranza interetnika skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali hija impenn pubbliku importanti; jappoġġa miżuri kontra d-diskriminazzjoni u programmi mfassla biex iqajmu kuxjenza u jipproteġu u jippromwovu d-diversità kulturali; iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex, skont il-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, jiżguraw li s-sistemi legali tagħhom jipproteġu lill-persuni minn minoranzi milli jisfaw vittmi ta' diskriminazzjoni u biex jadottaw miżuri ta' protezzjoni speċifiċi, skont ir-regoli internazzjonali applikabbli;

26. Huwa tal-fehma li l-Istati Membri jeħtieġ ukoll li jimplimentaw miżuri mfassla biex jinvolvu b'mod attiv lill-minoranzi sabiex mhux biss jevitaw l-iżolament tagħhom, iżda wkoll jgħinuhom isiru membri attivi tal-komunità;

27. Jenfasizza li aċċess adegwat għall-midja awdjoviżiva pubblika u viżibbiltà fiha, kif ukoll id-dritt li tinħoloq u tiġi operata midja stampata u awdjoviżiva privata, huma essenzjali għall-protezzjoni u l-promozzjoni tal-identità awtonoma tal-minoranzi; iqis li, għal skopijiet ta' infurzar ta' dawn id-drittijiet, huwa neċessarju li l-minoranzi jibbenefikaw minn allokazzjoni proporzjonata ta' riżorsi finanzjarji u riżorsi oħrajn minn sorsi pubbliċi jew kważi pubbliċi, peress li l-kontenut tal-midja minn komunitajiet ta' minoranzi iżgħar u għalihom b'mod partikolari ftit li xejn jista' jibqa' jeżisti fis-swieq kompetittivi mingħajr sussidji;

28. Itenni mill-ġdid li l-libertà ta' espressjoni tinkludi l-kapaċità tal-minoranzi li jesprimu lilhom infushom u jikkomunikaw b'mod ħieles mal-membri tal-komunitajiet tagħhom stess u oħrajn fil-lingwa tagħhom stess permezz tax-xandir tas-settur privat u pubbliku, l-istampa u l-midja elettronika;

29. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jippromwovu l-użu ta' lingwi reġjonali jew minoritarji fil-livell reġjonali billi jadottaw standards legali u regolatorji, kif ukoll permezz ta' inċentivi xierqa fil-politika dwar il-midja tagħhom;

30. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jipprovdu finanzjament xieraq għall-promozzjoni tal-identità, il-lingwa, l-istorja u l-kultura ta' minoranzi nazzjonali u reġjonali;

31. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħolqu l-kundizzjonijiet legali u regolatorji biex jiżguraw il-libertà tas-servizz, il-passaġġ u r-riċezzjoni ta' kontenut awdjoviżiv f'dawk ir-reġjuni fejn jgħixu l-minoranzi sabiex dawn ikunu jistgħu jaraw u jisimgħu kontenut fil-lingwa materna tagħhom billi, pereżempju, jinkoraġġixxu liċenzjar transfruntier għax-xandir;

32. Jikkunsidra li sabiex tiġi inkoraġġita u ffaċilitata l-parteċipazzjoni effettiva tal-minoranzi fil-ħajja pubblika, jenħtieġ li jiġi inkoraġġit, fejn prattikabbli, l-użu tal-lingwi tagħhom fil-muniċipalitajiet u fil-proċessi elettorali, amministrattivi, konsultattivi u ta' parteċipazzjoni pubblika oħra;

33. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu u jinkoraġġixxu l-użu ta' lingwi reġjonali jew minoritarji fil-livelli lokali u reġjonali u, b'dan il-ħsieb, jinkoraġġixxu b'mod attiv lill-awtoritajiet muniċipali biex jiżguraw li dawn il-lingwi jintużaw fil-prattika;

34. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw li l-ismijiet ta' postijiet u d-deżinjazzjonijiet topografiċi jinkitbu fil-forma korretta tagħhom u jkunu disponibbli fil-lingwi użati b'mod komuni f'reġjun partikolari, inkluż fuq is-sinjali li jindikaw id-dħul jew il-ħruġ minn żoni urbani, fuq is-sinjali tat-toroq kollha li juru informazzjoni u anke fi struzzjonijiet importanti u avviżi pubbliċi;

35. Jindika li għad hemm bżonn urġenti li tiġi indirizzata s-sitwazzjoni soċjali gravi tar-Rom, peress li s-sitwazzjoni tagħhom, speċjalment fir-rigward tal-aċċess għas-suq tax-xogħol, l-abitazzjoni, l-edukazzjoni u s-servizzi tas-saħħa, għadha prekarja f'ħafna partijiet tal-

Unjoni; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jieħdu azzjoni korrettiva kontra prattiki diskriminatorji fil-konfront ta' membri tal-komunità tar-Rom, b'mod partikolari meta jkunu involuti korpi pubbliċi; jesprimi tħassib dwar il-fatt li diversi forom ta' diskriminazzjoni u s-segregazzjoni tat-tfal Rom fl-edukazzjoni għadhom fenomenu strutturali u profond f'diversi Stati Membri; ifakkar li l-kwistjoni tas-segregazzjoni tar-Rom kienet is-suġġett ta' għadd ta' rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni; jistieden għalhekk lill-gvernijiet isegwu dawk ir-rakkomandazzjonijiet u jimplimentaw miżuri effettivi kif meħtieġ; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġija kkoordinata għall-integrazzjoni ta' lingwi mhux territorjali;

36. Iqis li huwa meħtieġ li jittejjeb il-qafas leġiżlattiv tal-UE sabiex tingħata protezzjoni komprensiva lid-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva jew rakkomandazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika, tippromwovi r-riċerka dwar l-edukazzjoni, it-tagħlim tal-lingwi u l-mudelli tal-edukazzjoni f'kuntesti multilingwi, u tappoġġa programmi li jiffukaw fuq l-iskambji tal-esperjenza u l-aħjar prattiki b'rabta mal-lingwi reġjonali u minoritarji fl-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni biex barra minn hekk talloka ż-żona tat-"teknoloġija tal-multilingwiżmu u tal-lingwa" lill-portafoll ta' Kummissarju; jikkunsidra li l-Kummissarju responsabbli għandu jiġi inkarigat bil-promozzjoni tad-diversità lingwistika u l-ugwaljanza fil-livell tal-UE, minħabba l-importanza tal-protezzjoni tal-lingwi minoritarji Ewropej fl-era diġitali;

37. Jinnota r-rabta frekwenti bejn l-identità kulturali ta' minoranza u territorju ġeografiku partikolari; jirrimarka li, għal ħafna minoranzi, id-dritt għall-art jiddefinixxi t-triq u l-mezzi li permezz tagħhom il-membri tagħhom jgħixu u jipprattikaw il-kultura tagħhom;

38. Jiġbed l-attenzjoni għall-valur pożittiv tal-promozzjoni tad-diversità kulturali u s-sensibilizzazzjoni, b'mod speċjali fil-livell lokali u reġjonali fejn il-possibbiltajiet ta' impatt dirett huma ħafna akbar;

39. Jinnota li l-edukazzjoni hija wieħed mill-aħjar strumenti sabiex iż-żgħażagħ li jappartjenu għal minoranzi jkunu jistgħu jitgħallmu dwar il-patrimonju u l-istorja tagħhom u sabiex il-kultura tagħhom tinxtered u tiġi rrikonoxxuta mis-soċjetà b'mod ġenerali; jisħaq li l-edukazzjoni hija fundamentali għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-minoranzi u hija prerekwiżit għat-tgawdija tad-drittijiet ekonomiċi, politiċi, soċjali u kulturali; jirrimarka li l-edukazzjoni hija mezz għall-emanċipazzjoni ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, u tippermettilhom jipparteċipaw b'mod sinifikanti fis-soċjetà li huma parti minnha;

40. Jemmen li l-attivitajiet edukattivi huma fundamentali għall-integrazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ li jappartjenu għal minoranzi, kif ukoll iwasslu għall-integrazzjoni tal-ġenituri u l-membri tal-familja tagħhom; iħeġġeġ lill-Istati Membri jinċentivaw lill-istituzzjonijiet tat-tagħlim sabiex jiżviluppaw attivitajiet extrakurrikulari li jinvolvu lill-ġenituri u t-tfal, sabiex jiżdiedu l-livelli ta' interazzjoni bejn il-komunità kollha tal-iskola;

41. Jirrakkomanda li jsir investiment fit-tħejjija tal-uffiċjali tal-istituzzjonijiet ta' tagħlim li jilqgħu lill-minoranzi, prinċipalment l-għalliema, sabiex jingħataw il-ħiliet meħtieġa biex jaħdmu ma' studenti minn kulturi, reliġjonijiet, oriġini etnika jew lingwi differenti;

42. Iħeġġeġ lill-gvernijiet tal-Istati Membri biex jinkludu lir-rappreżentanti tal-minoranzi fit-tfassil tas-sistemi edukattivi tagħhom;

43. Jirrakkomanda li għall-perjodu QFP li jmiss (2021-2027), l-għotjiet tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE +) allokati għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali jintużaw biex jappoġġjaw proġetti edukattivi u kulturali għall-integrazzjoni tal-minoranzi etniċi, reliġjużi, kulturali jew lingwistiċi;

44. Ifakkar li n-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza huma l-ewwel prinċipji tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) fir-rigward tal-minoranzi u gruppi oħrajn żvantaġġati; jinnota li l-ILO, fil-promozzjoni u l-applikazzjoni tad-drittijiet u l-prinċipji fundamentali tax-xogħol, tagħti attenzjoni speċjali lill-gruppi soċjali jew ekonomikament żvantaġġati u r-regoli tagħha jqisu l-ħtieġa ta' promozzjoni u ħarsien tad-drittijiet tal-minoranzi;

45. Jistieden lill-Istati Membri jiġbru data fuq bażi regolari u jipprovdu informazzjoni statistika dwar l-integrazzjoni tal-minoranzi fl-istabbilimenti tal-edukazzjoni, fis-suq tax-xogħol u fil-ħajja ċivika;

46. Jitlob lill-Kummissjoni biex toħloq mekkaniżmi ta' monitoraġġ tal-progress tal-Istati Membri fit-twettiq tal-obbligi tagħhom fir-rigward tal-ħarsien tad-drittijiet tal-minoranzi;

47. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja b'mod regolari l-implimentazzjoni, fl-Istati Membri, tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Minoranzi Nazzjonali u l-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji, tipprovdi lill-Istati Membri b'rakkomandazzjonijiet f'dan ir-rigward, tfassal rapporti bbażati fuq żjarat fil-pajjiż, tirrapporta lura dwar dawn lill-Parlament fuq bażi regolari, u tkompli tiżviluppa r-rabtiet mal-Kummissarju Għoli tal-OSKE għall-Minoranzi Nazzjonali;

48. Jenfasizza li l-protezzjoni tal-minoranzi, bħala parti mid-diversità kulturali u lingwistika dinjija, hija essenzjali għall-istabbiltà, id-demokrazija u l-paċi fl-Ewropa;

49. Jilqa' s-suċċess tal-Inizjattiva Minority SafePack, li ġiet varata skont l-Artikolu 11(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u li hija appoġġata minn 1 215 789 ċittadin Ewropew, li titlob l-adozzjoni ta' disa' atti leġiżlattivi sabiex jiġi stabbilit qafas ġuridiku tal-UE għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-minoranzi;

50. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta l-proposti leġiżlattivi rakkomandati fl-Inizjattiva Minority SafePack mingħajr dewmien żejjed, ladarba ċ-ċertifikat tal-validità tal-firem mibgħuta mill-Istati Membri jkun ġie rċevut;

51. Ifakkar li d-drittijiet tal-bniedem huma universali u li l-ebda minoranza ma jenħtieġ li ġġarrab diskriminazzjoni; jenfasizza l-fatt li d-drittijiet tal-minoranzi huma parti inaljenabbli mill-prinċipju tal-istat tad-dritt; jinnota li r-riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-minoranzi huwa ogħla meta l-istat tad-dritt ma jiġix irrispettat;

52. Iqis li l-Istati Membri jenħtieġ li jħarsu b'mod konsistenti d-drittijiet tal-minoranzi u jivvalutaw perjodikament jekk dawk id-drittijiet humiex qed jiġu rispettati;

53. Jinnota li l-UE hija nieqsa mill-istrumenti effikaċi biex timmonitorja r-rispett tad-drittijiet tal-minoranzi; jitlob monitoraġġ effikaċi, fuq skala tal-UE, tas-sitwazzjoni tal-minoranzi awtoktoni u lingwistiċi; iqis li l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali jmissha tagħmel monitoraġġ imsaħħaħ tad-diskriminazzjoni fil-konfront tal-minoranzi nazzjonali

fl-Istati Membri;

54. Jemmen li d-drittijiet lingwistiċi jridu jiġu rispettati fil-komunitajiet fejn hemm aktar minn lingwa uffiċjali waħda, mingħajr limiti għad-drittijiet ta' lingwa meta mqabbla ma' oħra, f'konformità mal-ordni kostituzzjonali ta' kull Stat Membru;

55. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-promozzjoni tat-tagħlim u tal-użu tal-lingwi reġjonali u minoritarji, bħala mod potenzjali biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni tal-lingwa fl-UE;

56. Jistieden lill-Istati Membri jiskambjaw il-prattika tajba u japplikaw soluzzjonijiet ipprovati u ttestjati fl-indirizzar tal-problemi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-minoranzi fl-Unjoni Ewropea kollha;

57. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu kunsiderazzjoni xierqa lid-drittijiet tal-minoranzi, jiżguraw id-dritt għall-użu ta' lingwa ta' minoranza u jħarsu d-diversità lingwistika fi ħdan l-Unjoni;

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 24.9.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 14<br>–: 2<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Dominique Bilde, Andrea Bocskor, Silvia Costa, Jill Evans, María Teresa Giménez Barbat, Petra Kammerevert, Svetoslav Hristov Malinov, Helga Trüpel, Sabine Verheyen, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Michaela Šojdrová |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Santiago Fisas Ayxelà, Emma McClarkin, Liliana Rodrigues, Francis Zammit Dimech |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Caterina Chinnici |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 14 | + |
|---|---|
| ALDE | María Teresa Giménez Barbat |
| PPE | Andrea Bocskor, Santiago Fisas Ayxelà, Svetoslav Hristov Malinov, Michaela Šojdrová, Sabine Verheyen, Francis Zammit Dimech, Bogdan Andrzej Zdrojewski, |
| S&D | Caterina Chinnici, Silvia Costa, Petra Kammerevert, Liliana Rodrigues |
| VERTS/ALE | Jill Evans, Helga Trüpel |

| 2 | - |
|---|---|
| ECR | Emma McClarkin |
| ENF | Dominique Bilde |

| - | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni